MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 849/1998/1

**Golden Gate Co Ltd**

**vs**

**Meliton Group Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici ilha ghal numru ta' snin u minn ghall-anqas l-1984 timmanifattura u tiddistribwixxi ghal bejgh f' Malta serje ta' prodotti konsistenti fost l-ohrajn f' note book, project book u science book, ilkoll ipprezentati b'get up (assjiem) distintiv, bl-isem ta' STUDENT, hekk kif

jidher mill-ezebiti hawn annessi u mmarkati rispettivament EZ “A”, “B”, u “C.”

Illi bil-hila u bl-invenzjoni taghha, kif ukoll b’hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva matul dawn is-snin kollha da parti taghha, is-socjeta’ attrici akwizixxiet reputazzjoni u goodwill konsiderevoli f’dan il-kamp fuq is-suq lokali.

Illi f’xi zmien fix-xahar ta’ Dicembru tal-1997, is-socjeta’ attrici saret taf bil-fatt illi s-socjeta’ konvenuta kienet qed timmanifattura u/jew tiddistribwixxi ghal bejgh f’ Malta prodott konsistenti f’science book bl-isem ta’ UNICORN, liema prodott huwa pprezentat b’ get up li huwa manifestament simili fl-assiem tieghu ma’ dak tas-science book tas-socjeta’ attrici (ara l-ezebit hawn anness u mmarkat Ez “D”).

Illi permezz ta’ ittra bonarja datata 13 ta’ Jannar 1998 is-socjeta’ attrici nterpellat lis-socjeta’ konvenuta sabiex tieqaf u tiddezisti minnufih mill-agir abusiv u llegali taghha (ara kopja ta’ din l-ittra, hawn annessa u markata dok “A”), izda permezz ta’ ittra tal-21 ta’ Jannar 1998 l-istess socjeta’ konvenuta cahdet l-allegazzjonijiet tas-socjeta’ attrici bhala nfondati (ara kopja ta’ din l-ittra hawn annessa u mmarkata Dok “B”).

Illi sussegwentement ghal dan, is-socjeta’ attrici saret taf bil-fatt illi s-socjeta’ konvenuta qed timmanifattura u/jew tiddistribwixxi ghal bejgh f’Malta zewg serji ta’ prodotti, l-ewwel serje konsistenti f’note book, project book u graph book bl-isem ta’ UNICORN (kif ukoll f’science book kif aktar ‘il fuq riferit), u t-tieni serje konsistenti f’note book, project book u graph book bl-isem ta’ CAMBRIDGE (ara f’dan is-sens, l-ezebiti hawn annessi u mmarkati rispettivament Ez “E”, “F”, “G”, “H”, “I”, u “J.”

Illi s-serje ta’ prodotti tas-socjeta’ konvenuta huma lkollipprezentati b’get up li, fl-assjiem tieghu, huwa manifestament simili ma’ dak ta’ fuq is-serje ta’ prodotti fuq imsemmija tas-socjeta’ attrici.

Illi konsegwentement is-serji ta’ prodotti manifatturati u/jew distribwiti ghal bejgh f’Malta mis-socjeta’ konvenuta, b’get up li huwa bl-aktar mod car u evidenti kkoncepit fuq u dderivat minn dak originarjament ikkreat mis-socjeta’ attrici ghal fuq il-prodotti taghha li ilhom fuq is-suq Malti ghal dawn is-snin kollha, ghandhom l-effetti illi jistghu jikkreaw konfuzjoni fost il-konsumaturi billi jistghu jqarrquhom, u dan kollu qed jikkguna danni lis-socjeta’ attrici li ghandha dritt u htiega urgenti li tikkawtela d-drittijiet taghha.

Illi hu car li l-agir tas-socjeta’ konvenuta tikkostitwixxi att ta’ konkorrenza zleali ghaliex skond id-disposizzjonijiet tal-artiklu 32 tal-Kodici Tal-Kummerc (Kapitolu 13 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta), “il-kummercjanti ma jistghux jaghmlu uzu ta’ ebda isem, marka jew sinjal distintiv li jistghu jgibu tahwid ma’ isem, marka jew sinjal distintiv iehor uzati skond il-ligi minn haddiehor, ukoll jekk dan l-isem, marka jew sinjal distintiv ta’ haddiehor ma jkunux irregistrati, skond l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta’ Industrijali, lanqas ma jistghu jaghmlu uzu ta’ ismijiet ta’ ditti jew ta’ ismijiet fittizji li jistghu jqarrqu lil haddiehor fuq il-vera mportanza tad-ditta.”

Illi ghalkemm interpellata darb’ohra sabiex tieqaf u tiddezisti minnufih fl-agir abusiv ghall-ahhar u llegali taghha, din id-darba permezz ta’ protest gudizzjarju datat 6 ta’ Marzu 1998 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok “C”), is-socjeta’ konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti (ara kopja ta’ kontro-protest datat 3 ta’ April 1998, hawn annessa u mmarkata Dok “D”).

Illi s-socjeta’ attrici, sabiex tikkawtela d-drittijiet, ipprezentat rikors fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ghal hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta, u dan sabiex izzomm lis-socjeta’ konvenuta milli tkompli timmanifattura u/jew tiddistribwixxi ghal bejgh f’ Malta s-serje ta’ prodotti tat-tip science book, note book, project book u graph book bl-isem UNICORN u tat-tip note book, project book u graph book bl-isem CAMBRIDGE ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, liema rikors gie milqugh mill-istess Onorabbli Qorti fl-17 ta’ April 1998, ezegwit fl-

istess data (mandat ta' inibizzjoni numru 1234/98) u sussegwentement notifikat lis-socjeta' attrici permezz tal-kunsinna ta' avviz tal-ezekuzzjoni tal-istess mandat fil-21 ta' April 1998, hekk kif jidher minn kopja hawn annessa u mmarkata Dok "E."

Is-socjeta' attrici ghalhekk qed taghmel il-presenti kawza ghall-jeddijiet taghha skond id-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi u fit-termini stipulati mill-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta' attrici qed titlob li (1) jigi dikjarat li s-socjeta' konvenuta hi responsabbli ta' konkorrenza zleali fil-konfront tas-socjeta' attrici ghat-tenur tal-ligi u aktar precizament tal-artiklu 32 tal-Kodici Tal-Kummerc, Kapitolu 13 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta; (2) li jigi konfermat il-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1234/98 mahrug minn dina l-Qorti u konsegwentement is-socjeta' konvenuta tigi inibita permanentement milli tkompli timmanifattura u/jew tiddistribwixxi b'negozju ghal bejgh f'Malta serje ta' prodotti tat-tip science book, note book, project book u graph book bl-isem ta' UNICORN u tat-tip note book, project book u graph book bl-isem CAMBRIDGE in kwantu dawn kollha huma atti li jingannaw u jgibu tahwid u konfuzjoni fost il-konsumaturi in konfront mas-serje ta' prodotti tat-tip note book, project book u science book legittimament immanifatturati mis-socjeta' attrici u ddistribwiti ghal bejgh minnha f' Malta; (3) jigi ordnat kull rimedju iehor li jista' skond ic-cirkostanzi jnehhi l-effetti tal-atti li bihom saret il-konkorrenza zleali u (4) is-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas penali li ma teccedix is-somma ta' hames mitt lira maltin (Lm500) u li tigi stabbilita ghat-tenur tal-artiklu 37 tal-Kodici Tal-Kummerc, Kap 13 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju datat 6 ta' Marzu 1998 u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1234/98, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhha.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-6 ta’ Mejju 1999 li biha gie dikjarat li s-socjeta’ konvenuta ggustifikat il-kontumacja u konsegentement l-istess socjeta’ konvenuta nghata il-fakulta’ li tippresenta nota tal-ecezzjonijiet.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn gie eccepit:-

Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil fatt u kif ukoll fid-dritt, stanti li ma jezistux l-elementi ta’ konkorrenza zlejali da parti tas-socjeta’ konvenuta fil-konfront tas-socjeta attrici ghat-tenur tal-ligi, u senjatament l-artiklu 32 tal-kodici tal-Kummerc (Kapitolu tlettax (13) tal-Edizzjoni Ricevuta tal-Ligijiet ta’ Malta) u, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, is-socjeta konvenuta bl-ebda mod ma kkonkorriet zlejalment mas-socjeta attrici.

Illi subordinatament mhux minnu li l-prodotti manifatturati mis-socjeta konvenuta u cioe’ “science book”, “note book”, “project book” u “graph book” bl-isem “Unicorn” u “note book”, “project book”, u “graph book” bl-isem “Cambridge” ezebiti mac-citazzjoni u mmarkati rispettivament Ez “D” “E” “F” “G” “H” “I” “J” huma pprezentati b’ “get up” li, fl-assjem tieghu, huwa manifestament simili ghal prodotti mmanifatturati mis-socjeta attrici.  Fil fatt jezistu differenzi bizzejjed sabiex jiddistingwu l-prodotti rispettivi tal-kontendenti, bhal per ezempju l-qoxra tal-prodott tas-socjeta’ konvenuta tleqq, filwaqt li dik tas-socjeta attrici hija matta, l-kuluri uzati ghal kull tip ta’ prodott huma differenti, l-kaxxa li hemm fuq il-qoxra tal-prodotti tas-socjeta konvenuta hija impingija b’mod differenti minn dik uzata mis-socjeta’ attrici, l-mod distintiv kif inhuma miktubin il-kelma u l-“logo” “Unicorn” kif ukoll il-kelma “Cambridge” – liema differenzi zgur ma jikkostitwux xebh li huwa kapaci li jqarraq il-konsumatur normali.

Illi l-prodotti mmanifatturati u/jew distribwiti ghal bejgh f’ Malta mis-socjeta’ konvenuta (li bihom jigu mmanifatturati minnha ghal zmien twil), mhumiex ikkoncepiti fuq u derivat

minn dak originarjament ikkrejat mis-socjeta attrici, li wara kollox trid tipprova meta bdiet tipproduci l-prodotti. Anzi, ghal kuntrarju, huma rizultat ta' studju u ricerki xjentifici imwettqa mis-socjeta konvenuta li rnexxielha tohrog prodotti fis-suq bi prezzijiet orhos minn dawn tas-socjeta attrici, u ta' kwalita superjuri. Dan ma jikkostitwix konkorrenza zlejali, izda konkorrenza skond l-insennjament tal-Qorti ta' l-Appell f'sentenza li nghatat fil-11 ta' Marzu 1992 fl-ismijiet "Dottor Piu Valletta nomine vs Joseph Tanti" fejn gie ritenut illi "l-konkorrenza necessarjament tfisser kompetizzjoni bejn tnejn fl-istess sfera ta' attrivita, fl-istess kontest u zmien u spazju."

Illi mhuwiex koncepibbli u huwa ghal kollox inveritier li hemm konfuzjoni f'mohh il-pubbliku bejn il-prodotti tal-kontendenti, u ghalhekk ma hemm ebda lok li din il-Qorti tordna kwalunkwe rimedju jew tordna hlas ta' penali kif rikjest mis-socjeta' attrici.

Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1234/98 li gew annessi.

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta' attrici.

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta' konvenuta.

Rat l-affidavit ta' David Meli prodott mis-socjeta' konvenuta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici.

Rat li s-socjeta' konvenuta naqset li tippresenta n-nota ta' osservazzjonijiet taghha nonostante li nghatat kull possibilita' biex taghmel hekk.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Is-soċjetà attriċi qed issostni li s-soċjetà konvenuta qed tikkawża konkorrenza żleali billi qed timmanifattura jew tiddistribwixxi għall-bejgħ f'Malta prodotti konsistenti f'science book bl-isem ta' UNICORN liema prodott huwa ppreżentat b' "get up" li huwa manifestament simili fl-assjem tiegħu ma' dak tas-science book prodott mis-soċjetà attriċi, kif ukoll note book u project book u graph book bl-isem ta' CAMBRIDGE li huma ukoll prodotti mill-istess socjeta' attrici. Is-scjeta' konvenuta timmanifattura u tiddistribwixxi ghal bejgh f'Malta serje ta' prodotti konsistenti f'note book, project book u graph book bl-isem ta' UNICORN (kif ukoll f'science book kif aktar 'il fuq riferit), u serje ohra konsistenti f'note book, project book u graph book bl-isem ta' CAMBRIDGE. Skond is-socjeta' attrici anke dawn il-prodotti tas-socjeta konvenuta huma ipprezentati b' "get up" li, fl-assjiem tieghu, huwa simili ghal dawk prpdotti mis-socjeta' attrici.

Din l-azzjoni tas-socjeta attrici hi basata fuqil-provedimenti tal-artikolu 32 tal-Kap.13li jipprovdi testwalment li "Il-kummerċjanti ma jistgħux jagħmlu użu ta' ebda isem, marka jew sinjal distinttiv li jistgħu jġibu taħwid ma' isem, marka jew sinjal distinttiv ieħor użati skond il-liġi minn ħaddieħor, ukoll jekk dan l-isem, marka jew sinjal disttintiv ta' ħaddieħor ma jkunux irreġistrati skond l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali, lanqas ma jistgħu jqarrqu lil ħaddieħor fuq il-vera importanza tad-ditta." L-iskop ta' dan l-artiklu huwa li jiġi evitat li negozjant jaghmel profitt fuq pretensjonijiet foloz u slealment.

Mill-provi prodotti jirriżulta li ż-żewġ soċjetajiet, kemm dik attriċi kif ukoll dik konvenuta, jiġġestixxu negozju f'kamp simili. Dan il-fattur hu importanti f'kawża bħal din għaliex hu biss f'sitwazzjoni bħal din li jista' jinħoloq taħwid u cioe' jekk il-prodotti in kwestjoni jkunu fl-istess suq jew is-suq ikun simili hafna fin-natura tieghu. Jirrizulta li s-soċjetà attriċi bdiet timmanifattura l-prodotti l-prodott taghha qabel

is-soċjetà' konvenuta. Biex jirrizulta li kien hemm konfuzjoni din trid titqies fir-rigward tar-reazzjoni tal-"average man in the street." It-test in partikolari irid isir ghar-rigward tal-idea dominanti, u ma hemmx bżonn li l-imitazzjoni tkun perfetta imma huwa biżżejjed li mill-kumpless tagħha tista' tinganna lix-xerrej, fis-sens li dan jista' jħallat merkanzija ta' wieħed mal-merkanzija tal-ieħor jew ahjar prodott ta' wiehedmal-prodott tal-iehor.

Illi minħabba din l-allegata similjanza fil-prodotti immanifatturati, is-soċjetà attriċi tgħid fit-talba li hija ssofriet danni stante illi l-prodotti tas-soċjetà konvenuta jistgħu jikkrejaw konfużjoni fost il-konsumaturi billi jqarrquhom. Fir-rigward ta' prova tal-konfużjoni li nħolqot fis-suq minħabba l-prodotti tas-soċjetà konvenuta, Tanya Farrugia (fol 82) xehdet li xi bejjiegħa infurmaw lis-soċjetà attriċi li l-prodotti tas-soċjetà konvenuta kienu simili ħafna għall-prodotti tagħhom. Paul Ellul (fol 91) ukoll xehed f'dan is-sens li xi sidien tal-ħwienet irrimarkaw fuq is-similarità bejn il-prodotti. Pero' ma saret ebda prova dwar xi okkażjoni fejn saret in effetti din il-konfużjoni. Il-liġi tipproteġġi kif jirriżulta mill-kliem tal-liġi, il-possibilità li jinħoloq taħwid u konfużjoni u mhux il-fatt proprju tad-disgwid jew taħlit.

Is-soċjetà attriċi titkellem dwar l-allegat xebħ bejn il-prodotti Student u Unicorn kif ukoll allegat xebħ bejn il-prodotti Student u Cambridge. Jibda biex jiġi trattat l-allegat xebħ bejn il-prodotti STUDENT U UNICORN. F'dan ir-rigward jingħad li l-kulur tal-faċċata taż-żewġ prodotti tan-note book STUDENT huwa ta' kulur safrani (cream) u tal-Unicorn huwa ta' kulur roża; il-project book Student huwa ta' kulur aħdar pistaċċia mentri dak ta' Unicorn huwa ta' kulur ċelesti, is-science book STUDENT huwa ta' kulur ċelesti filwaqt li dak UNICORN huwa ta' kulur griż. Kwindi diġa hemm distinzjoni bejn iz-zewg prodotti in kwestjoni. In oltre tispikka il-kelma UNICORN miktuba b'mod distinttiv ħafna u b'ittri kbar (Capital Letters) u skuri (bold). 'The average man in the street' anke jekk huwa persuna illiterata kapaċi jara din il-kelma UNICORN distinttiva. Kwindi il-qoxra tal-prodotti STUDENT u UNICORN mhumiex simili sal-punt li

oġġettivament jistgħu joħolqu konfużjoni bejn il-prodotti taż-żewġ soċjetajiet. In effett direttur tas-socjeta' attrici ammetta (fol 90) li l-prodotti tas-soċjetà konvenuta għandhom il-qoxra glossy u qabel ukoll li hemm differenza fil-kaxxa, fis-sens li waħda hija 3 dimensional u l-oħra le. Hu minnu li hemm similijanza fil-kliem użat (Name u Class) pero' dawn mhumiex xi indikazzjoni tal-kwalità tal-merkanzija.

Kwindi il-prodotti UNICORN tas-soċjetà konvenuta ma jikkrejawx u ma jirriżultax li dawn jistgħu jikkrejaw konfużjoni mal-prodotti STUDENT tas-soċjetà attriċi. Il-fatt li l-bejgħ tas-soċjetà attriċi naqas ma jistax jiġi interpretat bħala li naqas minħabba konfużjoni li allegatament inħolqot mis-soċjetà konvenuta. Dan il-fatt jista' jkun attribwit għar-raġuni li l-prodotti tas-soċjetà konvenuta huma orħos mill-prodotti tas-soċjetà attriċi. Għalkemm is-soċjetà attriċi ippreżentat kotba ta' ditti oħrajn li huma ukoll tal-istess ġeneru, u li huma aktar differenti minn dawk prodotti tas-soċjetà attriċi, jibqa' l-fatt li b'attenzjoni minima konsumatur ma għandux isib diffikultà biex jagħżel bejn prodott ta' UNICORN u ta' STUDENT tudent għaliex il-kliem, il-kuluri u l-qoxra ma jistgħux jiġu assimilati jew assoċjati.

Fir-rigward tal-prodott STUDENT u CAMBRIDGE il-project book STUDENT huwa ta' kulur aħdar pistaċċia mentri dak ta' CAMBRIDGE huwa ta' kulur ċelesti; il-graph book STUDENT huwa ta' kulur ċelesti ċar ħafna filwaqt ta' CAMBRIDGE huwa ta' kulur aħdar maħmuġ. Pero minkejja id-differenza fil-kulur, jibqa' l-fatt illi l-faċċata taż-żewġ prodotti hija simili ħafna fiż-żewġ każijiet. Il-layout tal-paġna jikkonsisti biss f'kaxxa (bordura). Jiġi osservat illi għalkemm il-bordura tal-CAMBRIDGE hija naqra iktar ħoxna f'żewġ linji, xorta jingħad illi jixxiebħu ħafna. In oltre il-kelma CAMBRIDGE u STUDENT huma miktubin bl-istess tipa (font). Meta wieħed jara iż-żewġ kotba fejn xulxin, wieħed jikkonkludi illi oġġettivament tista' tinħoloq konfużjoni bejn il-prodotti CAMBRIDGE u STUDENT taż-żewġ soċjetajiet.

Fid-dawl ta’ dak kollu li gie premess fir-rigward tal-prodotti UNICORN l-ewwel eċċezzjoni ghandha tigi akkolta u ghandu jigi dikjarat li ma jeżistux l-elementi ta’ konkorrenza żleali da parti tas-soċjetà konvenuta fil-konfront tas-soċjetà attriċi għaliex il-prodotti UNICORN immanifatturati mis-soċjetà konvenuta u dawk STUDENT immanifatturati mis-soċjetà attriċi ma għandhomx “get up” simili. Mill-banda l-oħra fir-rigward tal-prodotti CAMBRIGE teżisti l-konkorrenza żleali bejn dawn il-prodotti u dan għat-tenur ta’ artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Kwindi s-soċjetà konvenuta ghandha tigi inibita milli tkompli timmanifattura jew tiddistriwixxi s-serje ta’ prodotti tat-tip CAMBRIDGE u l-istess socjeta konvenuta ghandha tigi kundannata tħallas penali ta’ ħames mitt lira maltija (Lm500) għas-saldu ta’ kull pretenzjoni tas-soċjetà attriċi għad-dannu kontra s-soċjetà konvenuta minħabba din il-konkorrenza żleali skond l-artikolu 37 (3) tal-Kap 13.

Ghal dawn ir-ragunijiet:-

Tiddeciedi billi tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta hi responsabbli ta’ konkorrenza zleali fil-konfront tas-socjeta’ attrici ghat-tenur tal-ligi u aktar precizament tal-artiklu 32 tal-Kodici Tal-Kummerc, Kapitolu 13 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta pero biss ghal dak li jirrigwarda il-prodott CAMBRDIGE fil-konfront tal-prodott attrici għat-tenur ta’ artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ u tikkundanna lill-istess socjeta konvenuta tħallas penali ta’ ħames mitt lira maltija (Lm500) jew elf mija u erba u sittin euro u disgha u sittin centezmi (€1164.69) għas-saldu ta’ kull pretensjoni tas-soċjetà attriċi għad-danni kontra s-soċjetà konvenuta minħabba din il-konkorrenza żleali a dan a tenur tal-artikolu 37(3) tal-Kap 13. Tikkonferma l-mandat ta’ inibizzjoni numru 1234/98 mahrug minn dina l-Qorti u konsegwentement is-socjeta’ konvenuta qed tigi inibita permanentement milli tkompli timmanifattura u/jew tiddistribwixxi b’negozju ghal bejgh f’Malta serje ta’ prodotti tat-tip science book, note book, project book u graph book bl-isem ta’ UNICORN u tat-tip note book, project book u graph book bl-isem CAMBRIDGE u tiddikjara li ma hemm ebda rimedju iehor li ghandu jinghata.

L-ispejjez kollha jithallsu kwantu ghal zewg terzi (2/3) mis-socjeta konvenuta u kwantu ghal terz mis-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------